**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta’ Mejju, 2018

Rikors Nru : 80/18 AL

**AB**

*Vs*

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fl-14 ta’ Mejju tas-sena 2011 (**Dokument SS1**) u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b‘ kuntratt ta‘ separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Carmel Gafa’, *animo*

*ritirandi*, fil-hamsa u ghoxrin ta‘ Ottubru tas-sena elfejn u tnax (25.10.2012) (**Dokument SS2**).

3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta‘ separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia*¸ l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 2 tal-istess kuntratt).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta‘ kuntratt ta‘ separazzjoni, m‘ huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl- Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta‘ dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Frar, 2018;

Rat illi l-intimat fuq domanda tal-Qorti wiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Ottubru 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.